SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

26 ta' Settembru 2013 *

"Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol — Projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età — Direttiva 2000/78/KE — Artikolu 6(1) u (2) — Rifjut li jsir il-ħlas għad-disponibbiltà lill-uffiċjali li laħqu l-età ta' 65 sena u li jikkwalifikaw għall-benefiċċju tal-pensjoni tal-irtirar"

Fil-Kawża C-546/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Højesteret (id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Ottubru 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Ottubru 2011, fil-proċedura

Dansk Jurist- og Økonomforbund, li qed taġixxi għal Erik Toftgaard,

vs

Indenrigs- og Sundhedsministeriet,

fil-preżenza ta':

Centralorganisationernes Fællesudvalg (CFU),

Kommunale Tjenestemænd og Overenskomstansatte (KTO),

Personalestyrelsen,

Kommunernes Landsforening (KL),

Danske Regioner,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, G. Arestis, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev (Relatur) u J. L. da Cruz Vilaça, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Novembru 2012,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Dansk Jurist- og Økonomforbund, li qed taġixxi għal E. Toftgaard, minn K.-M. Schebye, avukat,

— għal Kommunernes Landsforening u Danske Regioner, minn J. Vinding, avukat,

— għall-Gvern Daniż, minn C. Vang, bħala aġent, assistit minn R. Holdgaard, avukat,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Ossowski u S. Lee, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Enegren u C. Barslev, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Dansk Jurist- og Økonomforbund (iktar 'il quddiem il-"DJØF"), li qed taġixxi għal E. Toftgaard, u l-Indenrigs- og Sundhedsministeriet [il-Ministeru tal-Intern u s-Saħħa (li kien il-Ministeru tal-Intern u tal-Affarijiet Soċjali), iktar 'il quddiem il-"Ministeriet"], dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jagħti lil E. Toftgaard il-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

3 Il-premessi 13 u 25 tad-Direttiva 2000/78 huma redatti kif ġej:

"(13) Din id-Direttiva ma tapplikax għas-sigurtà soċjali u għal skemi ta' protezzjoni soċjali li l-benefiċċji tagħhom mhumiex ittrattati bħala qligħ [remunerazzjoni] fis-sens mogħti lil dik l-espressjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu [157 TFUE], lanqas għal ebda tip ta' pagament mill-Istat bl-iskop li jipprovdi aċċess għall-impjieg jew li jżomm l-impjieg.

[...]

(25) Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni marbuta ma' l-età hija element essenzjali biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-Linji Gwida ta' l-Impjieg u biex tiġi inkoraġġita d-diversità fl-impjieg. Madankollu, id-differenzi fit-trattament marbuta ma' l-età jistgħu jiġu ġġustifikati f'ċerti ċirkostanzi u għalhekk jeħtieġu dispożizzjonijiet speċifiċi li jistgħu jvarjaw skond is-sitwazzjoni fl-Istati Membri. Huwa għalhekk essenzjali li jkun hemm distinzjoni bejn id-differenzi fi trattament li huma ġġustifikati, b'mod partikulari minn politika leġittima ta' mpjieg, objettivi tas-suq tax-xogħol u taħriġ professjonali, u diskriminazzjoni li għandha tiġi pprojbita."

4 Skont l-Artikolu 1 tagħha, "[l]-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel [tistabbilixxi] parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament".

5 L-Artikolu 2(1) u (2)(a) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, "il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament" għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1".

6 L-Artikolu 3 tal-istess direttiva, intitolat "Il-kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi fil-paragrafi (1) u (3) tiegħu:

"1. Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda:

[...]

ċ) il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga;

[...]

[…]

3. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-ħlasijiet ta' kull tip magħmula minn skemi statali jew simili, inklużi skemi ta' sigurtà soċjali jew ta' protezzjoni soċjali."

7 Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/78, intitolat "Il-ġustifikazzjoni għal trattament differenti fuq bażi ta' età":

"1. Minkejja l-Artikolu 2(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li trattament differenti fuq bażi ta' età m'għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, hu objettivament u raġonevolment iġġustifikat b'għan leġittimu, inkluża politika leġittima ta' l-impjieg, tas-suq tax-xogħol u ta' objettivi ta' taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu approprjati u neċessarji.

Dan it-trattament differenti jista' b'mod partikolari jinkludi:

a) l-istabbiliment ta' kondizzjonijiet speċjali għall-aċċess għall-impjieg u t-taħriġ professjonali, l-impjieg u x-xogħol, inkluzi l-kundizzjonijiet ta' sensji u pagi, għaż-żgħażagħ, ħaddiema ta' età, u persuni li jkollhom responsabbilitajiet li jieħdu ħsieb persuni oħra sabiex jippromwovu l-integrazzjoni professjonali tagħhom jew jiżguraw il-protezzjoni tagħhom;

[...]

2. Minkejja l-Artikolu 2(2) l-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi l-iffissar fir-rigward ta' skemi ta' sigurtà soċjali professjonali, ta' età għall-parteċipazzjoni jew intitolament għall-benefiċċji ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità, inkluża wkoll l-iffissar għal dawn l-iskemi ta' etajiet differenti għal ħaddiema jew għal gruppi jew kategoriji differenti ta' ħaddiema jew ta' kriterji ta' età fil-kalkoli ta' l-attwarji fil-qafas ta' dawn l-iskemi ma jikkostitwix diskriminazzjoni minħabba l-età, sakemm dan ma jirriżultax f'diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess."

Il-leġiżlazzjoni Daniża

8 Id-Direttiva 2000/78 ġiet trasposta fid-dritt Daniż bil-Liġi Nru 1417, li temenda l-Liġi dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol (lov nr. 1417 om ændring af lov om forbud mod forskelsbehandling på arbejdsmarkedet m. v.), tat-22 ta' Diċembru 2004 (iktar 'il quddiem il-"Liġi kontra d-diskriminazzjoni").

9 L-Artikolu 6a ta' din il-Liġi huwa intiż sabiex jimplementa l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2000/78. Dan huwa fformulat kif ġej:

"Minkejja l-Artikoli 2 sa 5, din il-Liġi ma tipprekludix l-iffissar ta' etajiet ta' adeżjoni mal-iskemi professjonali tas-sigurtà soċjali jew l-użu, fil-kuntest ta' dawn l-iskemi, ta' kriterji ta' età fil-kalkoli attwarjali. L-użu ta' kriterji ta' età ma għandux isarraf f'diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess."

10 L-Artikolu 32(1) u (4) tal-liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali (tjenestemandslov) fil-verżjoni tagħha li kienet tapplika fid-data tat-tkeċċija ta' E. Toftgaard kien jipprovdi li:

"1. Uffiċjal fil-kariga li jitkeċċa minħabba li l-pożizzjoni tiegħu tkun tneħħiet minħabba tibdil li seħħ fl-organizzazzjoni jew fil-funzjonament tal-Amministrazzjoni għandu jibqa' jirċievi, għal tliet snin, il-paga li huwa kien jirċievi qabel, bla ħsara għall-paragrafi 3 sa 5 iktar 'l isfel

[…]

4. Il-ħlas għad-disponibbiltà ma huwiex dovut meta l-persuna kkonċernata:

1) tiġi ttrasferita jew ikkollokata f'pożizzjoni oħra li hija tkun obbligata taċċetta skont l-Artikoli 12 u 13;

2) tkun laħqet l-età ta' 65 sena;

3) tkun laħqet il-limitu tal-età stabbilita fir-rigward tal-pożizzjoni tagħha biex tirtira, jew,

4) fid-data tat-tkeċċija tagħha, ma tkunx għadha f'pożizzjoni, minħabba mard jew inkapaċità, li tokkupa pożizzjoni li hija tkun obbligata taċċetta skont l-Artikoli 12 u 13."

11 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-ħlas għad-disponibbiltà jitħallas mill-awtorità tal-impjieg u li l-uffiċjal għandu l-obbligu li jibqa' għad-dispożizzjoni ta' din tal-aħħar sakemm jibqa' jsir il-ħlas.

12 Skont il-Liġi Nru 230, dwar l-irtirar tal-uffiċjali (tjenestemandspensonslov nr. 230), tad-19 ta' Marzu 2004, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, l-uffiċjali jiksbu, matul il-karriera tagħhom, drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar. Il-ksib ta' dawn id-drittijiet jinżamm matul il-perijodu tal-ħlas għad-disponibbiltà. Id-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar ikomplu barra minn hekk jinkisbu matul il-perijodu fejn uffiċjal ikollu d-dritt, bħala prinċipju, għall-ħlas għad-disponibbiltà, iżda li matulu dan il-ħlas ma jkunx sar minħabba limitu fl-età previst fil-liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali.

13 Mill-Artikolu 6(6) tal-imsemmija liġi dwar l-irtirar tal-uffiċjali jirriżulta li dawn tal-aħħar jistgħu jibbenefikaw mir-rata sħiħa tal-pensjoni tal-irtirar tagħhom sa minn meta jagħlqu l-ħamsa u sittin sena.

14 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li, minbarra l-pensjoni tal-irtirar tagħhom, l-uffiċjali għandhom dritt għal benefiċċji oħra tal-irtirar bħal, b'mod partikolari, il-pensjoni nazzjonali tax-xjuħija, li tiżdied mal-pensjoni tal-irtirar ta' uffiċjal.

15 Il-Liġi Nru 1005, dwar il-pensjonijiet nazzjonali tax-xjuħija (lov nr. 1005 om social pension), tad-19 ta' Awwissu 2010, tiffissa l-età legali tal-irtirar għal 65 sena għall-persuni li twieldu qabel l-1 ta' Jannar 1959. Madankollu, l-ħlas ta' din il-pensjoni jista', fuq talba tal-persuna kkonċernata, jiġi ddifferit b'għaxar snin sabiex din il-persuna tkun tista' tibbenefika, meta jkun il-waqt, minn pensjoni għola. Barra minn hekk, huwa permess li jkun hemm akkumulazzjoni tal-eżerċizzju ta' attività professjonali mal-benefiċċju ta' pensjoni nazzjonali tax-xjuħija, sakemm id-dħul mix-xogħol ma jaqbżux ċerti limiti, u fejn dawn il-limiti jinqabżu l-ammont tal-pensjoni jitnaqqas jew saħansitra jitneħħa.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 E. Toftgaard kien jokkupa l-pożizzjoni ta' prefett ta' Vejle (id-Danimarka) sakemm tkeċċa, fit-18 ta' Mejju 2006, b'effett mil-31 ta' Diċembru 2006, minħabba t-tneħħija ta' din il-pożizzjoni. Peress li dak iż-żmien huwa kellu 65 sena, E. Toftgaard ma bbenefikax mill-ħlas għad-disponibbiltà, peress li huwa kien jikkwalifika, mill-31 ta' Diċembru 2006, għall-benefiċċju tal-irtirar tal-uffiċjali.

17 Il-limitu ta' età għat-tluq obbligatorju tal-uffiċjali għall-irtirar kien stabbilit għal 70 sena fiż-żmien meta ntemmet il-kariga ta' E. Toftgaard. Għaljekk, peress li kellu 65 sena, dan tal-aħħar kellu d-dritt li jitlob li jibbenefika mill-irtirar tiegħu, iżda ma kienx obbligat li jagħmel dan. E. Toftgaard għarraf lill-Ministeriet bix-xewqa tiegħu li jiġi allokat pożizzjoni oħra, filwaqt li indika li kien lest li jaċċetta, jekk ikun il-każ, tnaqqis fis-salarju tiegħu. Wara t-tkeċċija tiegħu, E. Toftgaard kien wettaq xi inkarigi onorarji li ma kinux remunerati wisq.

18 E. Toftgaard jikkunsidra li r-rifjut li jingħata l-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà jikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq l-età. Għal din ir-raġuni d-DJØF, li qed taġixxi f'isem E. Toftgaard, ressqet, quddiem l-Østre Landsret, rikors kontra l-persuna li timpjega lil dan tal-aħħar, jiġifieri l-Ministeriet. Peress li dan ir-rikors ġie miċħud, id-DJØF appellat quddiem il-Højesteret, fejn issostni, b'mod partikolari, li l-Artikolu 32(4)(2) tal-Liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali hija inkompatibbli, b'mod partikolari, mad-Direttiva 2000/78. Hija ssostni li l-ħlas għad-disponibbiltà ma tikkostitwixxix skema professjonali tas-sigurtà soċjali fis-sens tal-Artikoli 6a tal-Liġi kontra d-diskriminazzjoni u 6(2) tad-Direttiva 2000/78, u li l-limitu ta' età ta' 65 sena ma jikkostitwixxix miżura xierqa u neċessarja sabiex jintlaħaq għan leġittimu, fis-sens tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva.

19 Il-Ministeriet jsostni li l-Artikolu 32(4)(2) tal-Liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikoli 6a tal-Liġi kontra d-diskriminazzjoni u 6(2) tad-Direttiva 2000/78, peress li l-ħlas għad-disponibbiltà għandu jiġi kkunsidrat bħala skema professjonali tas-sigurtà soċjali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Sussidjarjament, il-Ministeriet kompla jgħid li l-Artikolu 32(4)(2), jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.

20 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Højesteret iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva [2000/78] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-iffissar, għall-iskemi ta' sigurtà soċjali professjonali, ta' limiti ta' età għall-parteċipazzjoni jew għall-intitolament għall-benefiċċji ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni sa fejn l-imsemmija skemi jikkonċernaw benefiċċji tal-irtirar jew tal-invalidità?

2) L-Artikolu 6(2) tal-imsemmija direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fakultà li jiġu ffissati l-limiti tal-età tgħodd biss għall-parteċipazzjoni [f]tali skemi, jew din id-dispożizzjoni għandha tinftiehem bħala li tgħodd ukoll għad-dritt għall-benefiċċji ta' tali skemi?

3) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv:

Il-frażi "skemi ta' sigurtà soċjali professjonali" li tinsab fl-Artikolu 6(2) tal-imsemmija direttiva tista' tinkludi skema bħal dik dwar il-ħlas għad-disponibbiltà prevista fl-Artikolu 32(1), tal-liġi Daniża dwar l-istatus tal-uffiċjali, li tipprovdi li, bħala protezzjoni speċjali fil-każ li jispiċċa qiegħed minħabba li jitneħħa l-post tax-xogħol [pożizzjoni] tiegħu, l-uffiċjal għandu dritt li jżomm il-ħlas tiegħu għal tliet snin u jibqa' jikseb drittijiet għall-pensjoni bil-kundizzjoni li jkun disponibbli għal kwalunkwe assenjazzjoni f'post ta' sostituzzjoni?

4) L-Artiolu 6(1) tal-imsemmija direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik stabbilita bl-Artikolu 32(4)(2) tal-liġi Daniża dwar l-istatus tal-uffiċjali, li tipprovdi li l-ħlas għad-disponibbiltà ma għandux jingħata lill-uffiċjal li laħaq l-età li fih huwa jista' jibbenefika mill-benefiċċji għall-pensjoni nazzjonali tax-xjuħija?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

21 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2000/78 għandux jiġi interpretat fis-sens li dan japplika biss għall-benefiċċji tal-irtirar u ta' invalidità li jaqgħu taħt skema professjonali ta' sigurtà soċjali.

22 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu l-ewwel nett jiġi eżaminat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fir-rigward tagħha qed jiġi allegat li hija ta' natura diskriminatorja, taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78.

23 F'dan ir-rigward, kemm mit-titolu u mill-preambolu kif ukoll mill-kontenut u l-għan ta' din id-direttiva jirriżulta li l-għan tagħha huwa li tistabbilixxi kuntest ġenerali sabiex tiżgura lil kull persuna ugwaljanza fit-trattament "fl-impjieg u fix-xogħol", billi toffri protezzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha, li fosthom hemm l-età (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Hennings u Mai, C-297/10 u C-298/10, Ġabra p. I-7965, punt 49).

24 B'mod iktar partikolari, mill-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 jirriżulta li din id-direttiva tapplika, fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni Ewropea "għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi" f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari "il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga".

25 Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 għandu għalhekk jinftiehem, fid-dawl tal-Artikolu 3(1)(ċ) u (3) tagħha moqri flimkien mat-tlettax-il premessa ta' din id-direttiva, li ma jkoprix l-iskemi ta' sigurtà soċjali u ta' protezzjoni soċjali li l-benefiċċji tagħhom ma humiex meqjusa bħala remunerazzjoni skont it-tifsira mogħtija lil dan it-terminu għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 157(2) TFUE u lanqas il-ħlasijiet ta' kull tip magħmula mill-Istat li għandhom bħala għan l-aċċess għall-impjieg jew iż-żamma tal-impjieg (sentenzi tal-1 ta' April 2008, Maruko, C-267/06, Ġabra p. I-1757, punt 41, u tal-10 ta' Mejju 2011, Römer, C-147/08, Ġabra p. I-3591, punt 32).

26 Il-kunċett ta' remunerazzjoni fis-sens tal-Artikolu 157(2) TFUE jinkludi r-remunerazzjoni kollha fi flus jew *in natura*, kemm jekk immedjata jew fil-futur, sakemm il-ħaddiem jirċevieha, anke jekk indirettament, fuq il-bażi tal-impjieg tiegħu, mill-persuna li timpjegah (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 1990, Barber, C-262/88, Ġabra p. I-1889, punt 12).

27 F'dan il-każ, il-ħlas għad-disponibbiltà, stabbilit bil-Liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali, isir kull xahar matul tliet snin mill-Istat, li jaġixxi fil-kwalità tiegħu ta' persuna li timpjega, lill-uffiċjali li tpoġġew fuq disponibbiltà minħabba t-tneħħija tal-pożizzjoni tagħhom. L-ammont ta' dan il-ħlas jikkorrispondi għal dak li l-uffiċjal kien jirċievi qabel ma tpoġġa fuq disponibbiltà.

28 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li inkambju għall-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà, l-uffiċjal għandu l-obbligu li jżomm ruħu għad-dispożizzjoni tal-persuna li timpjegah matul il-perijodu li jsir dan il-ħlas. Jekk il-persuna li timpjegah toffrilu pożizzjoni alternattiva xierqa, huwa jkun obbligat li jaċċetta. Jekk ma jikkonformax ruħu ma dan l-obbligu, l-uffiċjal jitlef il-benefiċċju tal-imsemmi ħlas.

29 Minn dawn l-elementi jirriżulta li l-ħlas għad-disponibbiltà jirrappreżenta vantaġġ attwali fi flus, mogħti mill-persuna li timpjega lill-uffiċjal minħabba l-impjieg ta' dan tal-aħħar, u jikkostitwixxi, b'konsegwenza ta' dan, remunerazzjoni fis-sens tal-Artikolu 157(2) TFUE.

30 Għaldaqstant, billi jeskludi kategorija sħiħa ta' uffiċjali mill-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà, l-Artikolu 32(4)(2) tal-Liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali jaffettwa l-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni ta' dawn l-uffiċjali fis-sens tal-Artikolu 3(1)(c) tad-Direttiva 2000/78. Għalhekk, l-imsemmija direttiva tapplika għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali preżenti.

31 It-tieni nett, għandu jiġi eżaminat jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistabbilixxix differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/78.

32 Bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, il-"prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament" għandu jinftiehem bħala l-assenza ta' kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta, bbażata fuq waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, li fosthom hemm l-età. L-Artikolu 2(2)(a) tagħha jippreċiża li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tal-istess artikolu, għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli hija, kienet jew ser tkun trattata persuna oħra f'sitwazzjoni paragunabbli, fuq il-bażi ta' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva.

33 F'dan il-każ peress li l-effett tal-Artikolu 32(4)(2) tal-Liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali huwa li jċaħħad lill-uffiċjali li laħqu l-età ta' 65 sena mill-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi differenza fit-trattament direttament ibbażata fuq il-kriterju bbażat fuq l-età, fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2000/78.

34 It-tielet nett, għandu jiġi eżaminat jekk l-Istati Membri jistgħu jipprovdu, billi jibbażaw ruħhom fuq l-Artikolu 6(2) ta' din id-direttiva, li tali differenza fit-trattament ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

35 Skont din id-dispożizzjoni, fil-verżjoni bil-Malti tagħha, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu, minkejja l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2000/78, li "l-iffissar fir-rigward ta' skemi ta' sigurtà soċjali professjonali, ta' età għall-parteċipazzjoni jew intitolament għall-benefiċċji ta' l-irtirar jew ta' l-invaliditià, inkluża wkoll l-iffissar għal dawn l-iskemi ta' etajiet differenti għal ħaddiema jew għal gruppi jew kategoriji differenti ta' ħaddiema jew ta' kriterji ta' età fil-kalkoli ta' l-attwarji fil-qafas ta' dawn l-iskemi ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni minħabba l-età, sakemm dan ma jirriżultax f'diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess".

36 Il-verżjoni Daniża tal-Artikolu 6(2) ta' din id-direttiva hija differenti mit-test riprodott fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza sa fejn dan ma jsemmix "benefiċċji ta' l-irtirar jew ta' l-invaliditià".

37 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' test tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2005, Jyske Finans, C-280/04, Ġabra p. I-10683, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 F'dak li jirrigwarda l-verżjonijiet tal-l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 200/78 stabbiliti fil-lingwi l-oħra tal-Unjoni, għandu bilfors jiġi kkonstatat li dawn isemmu espliċitament, l-istess bħal verżjoni Maltija riprodotta fil-punt 35 ta' din is-sentenza, l-iffissar fir-rigward ta' skemi ta' sigurtà soċjali professjonali, ta' età għall-parteċipazzjoni jew intitolament għall-benefiċċji tal-irtirar jew tal-invaliditià. Bħala indikazzjoni l-verżjoni Spanjola tal-imsemmija dispożizzjoni tindika "la determinación, para los regímenes profesionales de seguridad social, de edades para poder beneficiarse de prestaciones de jubilación o invalidez u optar a las mismas", il-verżjoni Ġermaniża ta' din id-dispożizzjoni tuża t-termini "bei den betrieblichen Systemen der sozialen Sicherheit die Festsetzung von Altersgrenzen als Voraussetzung für die Mitgliedschaft oder den Bezug von Altersrente oder von Leistungen bei Invalidität", il-verżjoni Ingliża tad-dispożizzjoni inkwistjoni ssemmi "the fixing for occupational social security schemes of ages for admission or entitlement to retirement or invalidity benefits", filwaqt li l-verżjoni Pollakka tal-istess dispożizzjoni juża t-termini "ustalanie, dla systemów zabezpieczenia społecznego pracowników, wieku przyznania lub nabycia praw do świadczeń emerytalnych lub inwalidzkich".

39 Il-kliem tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2000/78, fil-verżjonijiet iċċitati fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, jissuġġerixxi, barra minn hekk, li din id-dispożizzjoni hija applikabbli biss fil-każijiet elenkati b'mod restrittiv fiha. Fil-fatt, li kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jestendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni lil hinn mill-każijiet espliċitament imsemmijin fiha, huwa kien jindika dan b'mod espliċitu, billi juża, per eżempju, l-avverbju "b'mod partikolari".

40 L-istruttura ġenerali u l-għan tad-Direttiva 2000/78 jikkonfermaw din il-konklużjoni. Fil-fatt, din id-direttiva tikkonkretizza fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, li huwa kkunsidrat bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci, C-555/07, Ġabra p. I-365, punt 21). Barra minn hekk, il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni abbażi, b'mod partikolari, tal-età hija inkorporata fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li, sa mill-1 ta' Diċembru 2009, għandha l-istess valur legali tat-Trattati.

41 Peress li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2000/78 jippermetti li l-Istati Membri jipprovdu eċċezzjoni għal prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età, dan għandu jkun is-suġġett ta' interpretazzjoni restrittiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2010, Petersen, C-341/08, Ġabra p. I-47, punt 60).

42 Issa, interpretazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva li tgħid li din id-dispożizzjoni tista' tiġi applikata għal kull tip ta' skema professjonali tas-sigurtà soċjali jkollha l-effett li twessa l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, bi ksur tal-karattru restrittiv tal-interpretazzjoni li għaliha għandha tiġi suġġetta din id-dispożizzjoni.

43 Minn dan isegwi li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2000/78 huwa applikabbli biss fir-rigward ta' skemi professjonali tas-sigurtà soċjali li jkopru r-riskji tax-xjuħija u tal-invaliditá.

44 F'dan il-każ, anki jekk jitqies li l-ħlas għad-disponibbiltà jaqa' taħt skema professjonali tas-sigurtà soċjali, huwa manifest, fid-dawl tal-elementi deskritti fil-punti 27 sa 29 ta' din is-sentenza, li dan il-ħlas la jikkostitwixxi benefiċċju tal-irtirar u lanqas benefiċċju tal-invaliditá. Għaldaqstant l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2000/78 ma huwiex applikabbli f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika biss għall-benefiċċji tal-irtirar u tal-invaliditá li jaqgħu taħt skema professjonali tas-sigurtà soċjali.

Fuq it-tieni u t-tielet domandi

46 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni u għat-tielet domanda.

Fuq ir-raba' domanda

47 Permezz tar-raba' domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 2 u 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-uffiċjali li laħqu l-età li tippermettilhom jibbenefikaw minn pensjoni tal-irtirar ma jistgħux, minħabba dan is-sempliċi fatt, jibbenefikaw minn ħlas għad-disponibbiltà intiż għall-uffiċjali mkeċċija minħabba t-tneħħija tal-pożizzjoni tagħhom.

48 Skont l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni meta tkun oġġettivament u raġonevolment ġustifikata, fil-kuntest tad-dritt nazzjonali, minħabba għan leġittimu, b'mod partikolari minħabba għanijiet leġittimi marbuta mal-politika tal-impjieg, mas-suq tax-xogħol u mat-taħriġ professjonali, u meta l-mezzi magħżula sabiex jintlaħaq dan l-għan ikunu adegwati u neċessarji.

49 B'konsegwenza ta' dan hemm lok li jiġi eżaminat, qabel kollox, jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhiex għan leġittimu. F'dan ir-rigward, il-Gvern Daniż josserva li din il-leġiżlazzjoni hija intiża sabiex jintlaħaq bilanċ ġust bejn, minn naħa, il-ħtiġijiet tal-istat fil-qasam ta' adattazzjoni, ta' ristrutturazzjoni u ta' effettività tal-amministrazzjoni pubblika u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-uffiċjali kontra pressjonijiet personali u politiċi indebiti. B'mod partikolari, l-imsemmija leġiżlazzjoni għandha l-għan doppju li jikkonsisti, minn naħa, li tinżamm id-disponibbiltà tal-uffiċjali fil-perspettiva li jiġu kkolokati f'pożizzjoni alternattiva u, min-naħa l-oħra, li tiġi ggarantita l-indipendenza ta' dawn tal-aħħar billi jiġu protetti minn kull pressjoni esterna. Il-fatt li l-uffiċjali li jkunu diġà ġew ammessi għall-benefiċċju ta' pensjoni tal-irtirar jiġu esklużi mill-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà huwa ġġustifikat min-neċessità li jiġu pprevenuti l-abbużi, sa fejn bħala regola ġenerali ma huwiex probabbli wisq li dawn l-uffiċjali jkunu disposti li jokkupaw pożizzjoni alternattiva. Barra minn hekk, tali uffiċjali għandhom bżonn inqas protezzjoni peress li dawn jistgħu diġà jibbenefikaw minn dħul ta' sostituzzjoni adegwat, bħal pensjoni tal-irtirar.

50 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri kif ukoll, jekk ikun il-każ, l-imsieħba soċjali fuq livell nazzjonali għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla mhux biss ta' għan partikolari fost oħrajn fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg, iżda wkoll fl-adozzjoni tal-miżuri biex jintlaħaq tali għan (sentenza tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa, C-411/05, Ġabra p. I-8531, punt 68).

51 L-għan li jikkonsisti f'li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-uffiċjali u sabiex tiġi ggarantita protezzjoni fil-każ tat-tneħħija tal-pożizzjoni tagħhom, filwaqt li l-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà jiġi llimitat biss għall-uffiċjali li għandhom bżonn protezzjoni u li jirrispettaw l-obbligu ta' disponibbiltà tagħhom, jaqa' taħt il-kategorija ta' għanijiet leġittimi ta' politika tal-impjieg u ta' suq tax-xogħol, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.

52 Skont din id-dispożizzjoni tal-aħħar, dawn l-għanijiet jistgħu jiġġustifikaw, bħala eċċezzjoni għall-prinċipju tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età, differenzi fit-trattament marbuta, b'mod partikolari, mal-"istabbiliment ta' kondizzjonijiet speċjali […] [tal-]impjieg u x-xogħol, inkluzi l-kundizzjonijiet ta' sensji u pagi, […] [għall-]ħaddiema ta' età […] sabiex jippromwovu l-integrazzjoni professjonali tagħhom jew jiżguraw il-protezzjoni tagħhom".

53 Konsegwentement, għanijiet bħalma huma dawk imfittxija mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom, bħala prinċipju, jiġu kkunsidrati li huma ta' natura li jiġġustifikaw "objettivament u raġonevolment", "fil-kuntest tal-liġi nazzjonali", kif previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78, differenza fit-trattament ibbażat fuq l-età.

54 Għandu wkoll jiġi vverifikat, skont il-kliem stess tal-imsemmija dispożizzjoni, jekk il-miżuri implementati sabiex jitwettqu dawn l-għanijiet humiex "approprjati [xierqa] u neċessarji".

55 Fir-rigward tal-karattru xieraq tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi osservat li l-għoti tal-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà biss lill-uffiċjali li, b'mod partikolari ma humiex eliġibbli għal pensjoni tal-irtirar ma jidhirx li huwa irraġonevoli fid-dawl tal-għan imfittex mil-leġiżlatur, li jikkonsisti f'li tingħata protezzjoni ikbar lill-uffiċjali li ma għandhomx dħul ta' sostituzzjoni stabbli u dewwiemi.

56 Anki l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jidher li hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan li jikkonsisti f'li tiġi ggarantita d-disponibbiltà tal-uffiċjali fil-każ ta' tneħħija tal-pożizzjoni tagħhom. Fil-fatt, l-uffiċjali li għad ma għandhomx dritt għal pensjoni tal-irtirar jkunu mġiegħla, fl-assenza tal-ħlas għad-disponibbiltà, li jidħlu fis-suq tax-xogħol b'tali mod li, meta pożizzjoni ġdida fl-amministrazzjoni pubblika tiġi offruta lilhom, dawn jistgħu ma jkunux iktar disponibbli. Min-naħa l-oħra, l-uffiċjali li jistgħu diġà jibbenefikaw minn pensjoni tal-irtirar huma, bħala regola ġenerali, inqas disposti li jidħlu fis-servizz pubbliku sabiex jokkupaw pożizzjoni ġdida, fid-dawl tal-inkonvenjenzi ta' natura professjonali u personali li tali dħul mill-ġdid jista' jġib miegħu.

57 Barra minn hekk, l-Artikolu 32(4)(2) tal-Liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali jippermetti wkoll li jiġu limitati l-possibbiltajiet ta' abbuż li jikkonsisti, f'li uffiċjal jibbenefika minn ħlas intiż li jiżgura d-disponibbiltà tiegħu, filwaqt li huwa jkun ser jirtira.

58 Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jidhirx li hija manifestament mhux xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi invokati fil-punt 49 ta' din is-sentenza.

59 Madankollu għandu jiġi vverifikat jekk din il-miżura tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu.

60 F'dan ir-rigward, il-Gvern Daniż isostni li l-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà għandu jkun strettament limitat għall-uffiċjali li verament bżonn dan il-ħlas u li huma effettivament disponibbli sabiex jerġgħu jidħlu, jekk ikun il-każ, mal-amministrazzjoni pubblika.

61 Huwa ċertament minnu, kif ġie kkonstatat fil-punt 56 ta' din is-sentenza, li l-uffiċjali eliġibbli għal benefiċċju ta' pensjoni tal-irtirar huma, minħabba dan il-fatt, ġeneralment inqas disposti li jaċċettaw kollokazzjoni f'pożizzjoni ta' sostituzzjoni.

62 Jidher ukoll li dawn l-uffiċjali jistgħu jistrieħu fuq dħul ta' sostituzzjoni stabbli u dewwiemi, filwaqt li l-uffiċjali li għad ma humiex eliġibbli għall-benefiċċju ta' pensjoni tal-irtirar u li l-pożizzjoni tagħhom tneħħiet għandhom bżonn, minħabba f'dan, protezzjoni ikbar. Fil-fatt, l-uffiċjali li jiffurmaw parti minn dan it-tieni grupp huma, bħala regola ġenerali, iktar vulnerabbli għall-pressjonijiet ta' natura ekonomika u soċjali, sa fejn, fl-assenza tal-ħlas għad-disponibbiltà, huma jiġu privati minn sors ta' dħul stabbli. Il-ħlas għad-disponibbiltà huwa għalhekk intiż sabiex l-uffiċjali li jiffurmaw parti minn dan it-tieni grupp jiġu protetti minn tali pressjonijiet, billi jingħataw dħul xieraq matul perijodu ta' tliet snin.

63 Għandu wkoll jiġi osservat li l-leġiżlatur Daniż intervjena sabiex inaqqas l-effetti sfavorevoli tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali billi pprovda li l-uffiċjali li laħqu l-età ta' 65 sena jkomplu jakkumulaw drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar matul il-perijodu kollu li matulu huma kellhom jirċievu l-ħlas għad-disponibbiltà, iżda ma jkunux effettivament ibbenefikaw minn dan il-ħlas, minħabba l-età tagħhom.

64 Dan migħud, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 32(4)(2) tal-Liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali jassimila għall-uffiċjali li effettivament ser jirċievu pensjoni tal-irtirar dawk li huma eliġibbli għall-benefiċċju ta' tali pensjoni.

65 Issa, mill-proċess li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha jirriżulta li, meta jagħlqu l-65 sena, l-uffiċjali għandhom id-dritt li jirtiraw, iżda ma humiex obbligati li jagħmlu dan.

66 Madankollu, skont il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huma esklużi mill-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà kemm l-uffiċjali li jixtiequ jirtiraw, u li, konsegwentement, ser jirċievu effettivament pensjoni tal-irtirar, kif ukoll dawk li jixtiequ jkomplu l-karriera professjonali tagħhom fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika lil hinn minn meta jagħlqu l-ħamsa u sittin sena.

67 Għalhekk, bl-għan leġittimu li jiġi evitat li dan it-trattament jkun ta' benefiċċju għal uffiċjali li ma jridux jokkupaw pożizzjoni ġdida, iżda li ser jirċievu dħul ta' sostituzzjoni fil-forma ta' pensjoni tal-irtirar, il-miżura inkwistjoni twassal sabiex uffiċjali li jixtiequ jibqgħu fis-suq tax-xogħol jiġu mċaħħda minn tali ħlas biss għar-raġuni li jistgħu, b'mod partikolari minħabba l-età tagħhom, jibbenefikaw minn tali pensjoni.

68 Din il-miżura tista' għalhekk tobbliga lill-dawn l-uffiċjali jaċċettaw pensjoni tal-irtirar ta' ammont inferjuri meta mqabbel ma dak li huma jistgħu jiksbu li kieku jibqgħu attivi sa età ikbar, b'mod partikolari fil-każ li huma ma jkunux ħallsu kontribuzzjonijiet matul numru ta' snin suffiċjenti sabiex jibbenefikaw minn pensjoni b'rata sħiħa.

69 Barra minn hekk, jidher li l-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu jintlaħqu b'mezzi inqas restrittivi, iżda xorta waħda xierqa. Għalhekk, dispożizzjonijiet li jillimitaw il-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà biss għall-uffiċjali li temporanjament irrinunċjaw għall-benefiċċju ta' pensjoni tal-irtirar sabiex ikomplu l-attività professjonali tagħhom, filwaqt li tipprovdi, fil-każ li dawn jirrifjutaw li jokkupaw pożizzjoni alternattiva xierqa, miżuri intiżi li jissanzjonaw l-abbużi, ikunu jippermettu li jiġi żgurat li dan il-ħlas ikun ta' benefiċċju biss għall-uffiċjali li huma effettivament disponibbli li jokkupaw pożizzjoni alternattiva.

70 Ċertament, bħala regola ġenerali ma jistax jiġi mistenni li miżura, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, timponi t-twettiq ta' eżami individwali ta' kull każ partikolari sabiex tiddetermina dak li l-aħjar jikkorrispondi għall-bżonnijiet speċifiċi ta' kull uffiċjal, sa fejn il-ġestjoni tal-iskema kkonċernata għandha tibqa' vijabbli mil-lat tekniku u ekonomiku.

71 Madankollu, tali eżami individwali tad-disponibbiltà tal-uffiċjali li għandhom minn tal-inqas 65 sena jidher li huwa diġà inerenti fl-iskema stabbilita mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn l-allokazzjoni tal-uffiċjali mkeċċija f'pożizzjonijiet alternattivi tiddependi fuq il-kompetenzi tal-persuna kkonċernata fid-dawl tal- ħtiġijiet partikolari tal-pożizzjonijiet li jiġu effettivament offruti lilhom. Barra minn hekk, tali eżami individwali diġà huwa previst, hekk kif issostni d-DJØF, fl-Artikolu 32(4)(4) tal-Liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali.

72 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn din teskludi awtomatikament lill-uffiċjali li jikkwalifikaw għall-benefiċċju ta' pensjoni tal-irtirar mill-benefiċċju tal-ħlas għad-disponibbiltà, tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxa.

73 Konsegwentement, id-differenza fit-trattament li tirriżulta mill-Artikolu 32(4)(2) tal-Liġi dwar l-istatus tal-uffiċjali ma tistax tiġi ġustifikata abbażi tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.

74 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti r-risposta li għandha tingħata għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikoli 2 u 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-uffiċjali li laħqu l-età li tippermettilhom jirċievu pensjoni tal-irtirar ma jkunux jistgħu, biss minħabba dan il-fatt, jibbenefikaw minn ħlas għad-disponibbiltà intiż għall-uffiċjali li tkeċċew minħabba t-tneħħija tal-pożizzjoni tagħhom.

Fuq l-ispejjeż

75 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika biss għall-benefiċċji tal-irtirar u tal-invaliditàli jaqgħu taħt skema professjonali tas-sigurtà soċjali.**

2) **L-Artikoli 2 u 6(1) tad-Direttiva 2000/78, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-uffiċjali li laħqu l-età li tippermettilhom jirċievu pensjoni tal-irtirar ma jkunux jistgħu, biss minħabba dan il-fatt, jibbenefikaw minn ħlas għad-disponibbiltà intiż għall-uffiċjali li tkeċċew minħabba t-tneħħija tal-pożizzjoni tagħhom.**

Firem